MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1532/2003

**Charles Schembri**

**Vs**

**Faisal Awad u Rausi Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670) rapprezentanti hsarat sofferti mill-attur fil-vettura tieghu KAB 018 b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-3 t'Awissu, 2001 gewwa l-Blata l-Bajda waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura AJL 239.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn is-socjeta' Rausi Insurance Agency Limited eccepiet illi m'hijiex il-legittima kontradittrici u fil-mertu, r-responsabbilta' ghall-incident gie ammess izda bhala quantum il-konvenuti qalu illi saret offerta ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) b'dan li l-attur izomm il-karozza tieghu, izda l-attur baqa' jinsisti

ghal fuq l-ammont ta’ sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670) liema somma l-konvenuti jikkontendu li tissupera l-*pre-accident value* tal-vettura.

Sema’ x-xhieda ta’ Carmel Azzopardi, Charles Schembri u Mario Cumbo.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukat Dottor Edward Gatt ghall-attur u Dr Richard Galea Debono ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi l-kwistjoni ta’ responsabbilta’ giet ammessa.

Illi l-veru vertenza tirrigwarda l-*quantum.*

Illi l-vettura ta’ l-attur ma gietx imsewwija u wara l-incident jirrizulta li din giet abbandunata go ghalqa u thalliet fl-istat li kienet. L-incident in kwistjoni sar fit-3 t’Awissu 2001 u jirrizulta illi fit-22 t’Awissu, 2001 il-vettura ta’ l-attur giet ezaminata minn Carmel Azzopardi ta’ Charles Radiator Repairs u nharget stima ta’ sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670). L-istess Carmel Azzopardi jghid illi biex gibed l-istima tal-parts kien kellem lil Alfred Gatt li huwa agent fuq dan ix-xoghol izda jaf li minn dak iz-zmien il-valur tal-parts naqsu ghalkemm imbaghad mill-banda l-ohra l-prezz tal-labour zdied. Huwa jikkalkula li l-valur tal-parts naqas bir-rata ta’ hmistax fil-mija (15%). Huwa kien jaf il-karozza qabel l-incident u kien jafha bhala karozza li ghalkemm kellha ghaxar snin/tnax-il sena, kienet f’kundizzjoni tajba u kkalkula li l-*pre-accident value* tal-karozza kien ta’ xi Lm800/Lm1,000. Huwa jistima r-*wreck value* ta’ Lm100/Lm150.

L-attur jikkonferma li kien xtara l-vettura fil-1987 second-hand bil-prezz ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) u li qabel l-incident in kwistjoni l-karozza ma kellhiex daqqiet ohrajn.

Mario Cumbo huwa s-surveyor inkarigat mis-socjeta' assigurattrici konvenuta li ghamel survey tal-vettura fis-27 ta' Jannar, 2003, cjoe' xi sena u nofs wara l-incident in kwistjoni u ghalkemm ra l-karozza fi stat hazin (poor and neglected state) ma nizzilx l-istess entita' ta' hsarat. Fis-survey report tieghu, ma jaghti l-ebda valuri tal-parts individwalment izda jistmahom kollettivament bhala *imitation parts* fil-valur ta' sebghin lira Maltin (Lm70). Ma ta l-ebda stima tal-*labour costs* involuti.

Il-kwistjoni kollha hija dwar l-entita' tad-danni li ghalihom huwa ntitolat rimbors l-attur.

Taht l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, f'materja ta' danni akkwiljani, wiehed ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li jsehhu b'rizultat tat-tort tieghu. Il-gurisprudenza in materja taghmilha cara illi jrid ikun hemm *restutitio in integrum* - kuncett elastiku li ghadu sal-lum jigi zviluppat u minkejja tentattivi sabiex jinstab mezz oggettiv, xjentifiku u *all embracing* bil-ghan li tinstab xi forma ta' certezza guridika, sal-lum ghadu jghodd id-*dictum* li:

"…dan ifisser illi l-ligi qed thalli fid-diskrezzjoni guridika u morali tal-Gudikant biex tigi ffissata s-somma li ghandu jircievi d-danneggjat (**Joseph Borg Vs Dr Arturo Valenzia noe** Prim Awla, 9 ta' Gunju, 1972).

Pero' jkun tajjeb li jigi citat is-segwenti bran mill-"**Trattato Breve della Responsabilita' Civile" ta' Giovanna Visintini (1996 Ed Pg 514):**

"Sulla base di questo principio (risarcimento integrale) puo' essere interessante ricordare che, da tempo risalente, si e' fatto derivare l'istituto della c.d. *compensatio lucri cum damno*, nel senso che, dovendo la reintegrazione del patrimonio leso corrispondere alla differenza tra il valore attuale e quello che poteva essere se non fosse stato commesso l'inadempimento o il fatto illecito, il dannegiato non puo' conservare un incrimento patrimoniale eventualmente acquistato in conseguenza del fatto illecito o dell' inadempimento.

In altri termini, dicono i giudici, si deve operare una compensazione tra lucri e danni conseguenti allo stesso.

Comunque sia, alla base di questo istituto sta il principio della riparazione integrale del danno, detto anche principio dell' equivalenza tra danno e riparazione …."

Referenza ssir ukoll ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla (NC) tas-26 ta' Novembru, 2003 Citazzjoni Numru 1942/1999 fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Limited noe Vs Trevor Vassallo** fejn il-Qorti qalet hekk:

"In propositu u in vena legali, l-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li *"in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-pozizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kaggjonata l-hsara" [App. Civ. **John Tufigno Vs Joseph Micallef noe**].* Inoltre, ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragunevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirriduci l-hsara.

Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-***Halsbury*** citat mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Mallia Vs Moore*** citata fil-kawza *App. Inf.* ***John Xuereb Vs James Edward Livick et****: "It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer."*

Illi *"l-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut." [App. Civ.* ***Joseph Aquilina Vs Emmanuele Schembri****]*

Ghalhekk, huwa manifest li, ghalkemm id-danneggjat ghandu l-obbligu li jimmitiga d-danni sofferti minnu, **huwa m' ghandux jigi assoggettat li jaccetta li l-hsara tigi riparata bit-tlaqqit, imma ghandu d-dritt jassigura u jesigi li x-xoghol isir skond is-sengha, b'mod li kemm jista' jkun il-pozizzjoni tieghu tigi ripristinata.**"

Qabel l-incident l-attur kellu karozza funzjonabbli w apparentement f'kundizzjoni relattivament tajba u tinstaq fuq it-triq. Wara l-incident din il-karozza ma setghetx tibqa' hekk tinstaq minghajr ma tigi debitament riparata.

Mill-provi prodotti t-Tribunal jidhirlu li l-entita' tal-hsara giet sodisfacentement ippruvata u jkollu jaccetta bhala korrett il-lista ta' hsarat kif elenkati minn Carmel Azzopardi f'dak li jirrigwarda parts.

Ghar-rigward il-valur tal-parts, is-socjeta' konvenuta nkarigat surveyor u dan kellu l-opportunita' li jikkontesta l-partiti relattivi izda dan l-ezercizzju ma sarx. Hu qal biss li ghandhom jintuzaw second parts b'valur komplessiv ta' sebghin lira Maltin (Lm70) – tezi din li mhix konformi mal-gurisprudenza fuq citata.

Mill-banda l-ohra ma giet prodotta l-ebda stima ta' l-agenti tal-parts koncernati u wiehed ma jistax jinjora l-kumment ta' Azzopardi li fejn qal li l-valur tal-parts illum nizel b'xi hmistax fil-mija (15%). Fuq din il-bazi t-Tribunal jidhirlu li l-kumpens relatat ghall-parts ghandu jkun ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Ghar-rigward ta' labour, spray u mechanical repairs, l-istima ta' Azzopardi m'hijiex daqstant cara u jidher li l-ammont relattiv huwa ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220). Dan l-ammont gie kkonfermat bil-gurament ta' Azzopardi u ma giex kontradett mis-surveyor Cumbo u ghalhekk qed jigi accettat. Ma' dawn wiehed irid izid l-erba' t'ijiem loss of use (vide survey report ta' Cumbo) li certament kienu jinvolvu spiza addizzjonali ta' erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24).

B'hekk kieku l-vettura kienet giet riparata a tempo vergine, d-danni kienu jkunu likwidati fl-ammont ta' hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin (Lm544).

Illi a bazi tal-premess it-Tribunal jidhirlu li, in mankanza ta' xi prova li turi li l-vettura kien jinhtiegilha tissewwa (u cjoe' fejn vettura jkollha xi valur suggettiv specjali), ghal fini ta' re-integrazzjoni f'din il-kawza, l-kumpens xieraq pagabbli lill-attur m'ghandux jaccedi l-pre-accident value tal-karozza, wara li minnu jitnaqqas il-valur tar-*wreck*. Jekk dan l-ammont jigi superat, il-vettura titqies bhala *beyond economical repair* u l-konvenut ikollu jhallas il-*pre-accident value* u, jew jiehu r-*wreck*, jew li l-attur izomm ir-*wreck* u jnaqqas il-valur tieghu minn tali *pre-accident value*.

Illi s-socjeta' konvenuta qieghda tikkontendi li l-valur tal-vettura ta' l-attur qabel l-incident kien ta' Lm400/Lm500. Azzopardi xehed li l-*pre-accident value* tal-vettura kienet bejn Lm800/Lm1,000.

It-Tribunal jinnota li stimi bhal dawn huma ta' natura efimera u ghal kollox suggettivi. Certament Azzopardi kien f'pozizzjoni ahjar minn Cumbo li jaghmel tali stima billi huwa kien jaf il-karozza u kien raha qabel l-incident u ddeskriviha bhala wahda kundizzjonata. Cumbo raha sena u nofs wara l-incident meta l-karozza mahbuta kienet giet imhollija f'ghalqa. Fuq kollox l-attur kien akkwista l-karozza erba' snin qabel versu l-prezz ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600). Fuq din il-bazi t-Tribunal jidhirlu li ghal fini ta' dan l-ezercizzju l-*pre-accident value* tal-vettura ghandu jitqies li kien ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800).

Azzopardi ta r-*wreck value* ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u ghalhekk in-*net value* huwa ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) – valur inqas minn dak likwidat minn dan it-Tribunal. Illi ghalhekk anke l-eccezzjoni tal-konvenuti fuq il-*quantum* tad-danni qed tigi michuda.

Is-socjeta' assigurattrici konvenuta eccepiet illi m'hijiex il-legittima kontradittrici. F'dawn il-kazijiet wiehed ma jista'

jirbah qatt. Insibu kazijiet fuq kollizjonijiet fejn is-socjeta' assigurattrici tal-konvenut titlob li tintervjeni. Stranament f'dan il-kaz, is-socjeta' assigurattrici, li giet imharrka *ab inizio*, qed issostni li m'hijiex il-legittima kontradittrici.

It-Tribunal jaqbel li s-socjeta' assigurattrici konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittrici izda mill-banda l-ohra t-Tribunal ma jistax jinjora d-dispozizzjonijiet tal-Kap 104 u l-eventwali obbligi li s-socjeta' konvenuta jista' jkollha *ope legis* fejn l-assigurat taghha gudizzjarjament jinstab responsabbli ghall-incident *de quo*.

Illi l-Artikolu 10 tal-Kap 104 li jispecifika li meta jkun inhareg ic-certifikat ta' assigurazzjoni skond l-imsemmija ligi <u>u tkun inghatat sentenza</u> mill-Qorti dwar ir-responsabbilta' li taqa' taht l-ambitu taht l-istess polza u dan kontra persuna assigurata bl-imsemmija polza, allura l-assigurazzjoni tkun marbuta li thallas lill-attur rebbieh f'dik l-istess sentenza purche' li jigu segwiti certi proceduri stipulati fl-imsemmija ligi.

Illi l-prezenza tas-socjeta' konvenuta bhala konvenut hija ntempestiva stante illi d-dritt ta' l-attur vis-à-vis is-socjeta' assigurattrici jinholoq wara li tinghata sentenza u din tkun ghaddiet *in gudikat*. Illi ghalhekk, ghalkemm din l-eccezzjoni ser tigi akkolta, ser jigu riservati d-drittijiet ta' l-attur kif tutelati fil-Kap 104 u stante illi s-socjeta' konvenuta kellha nteress guridiku fil-kaz u anke' ppartecipat fih b'mod attiv, l-attur m'ghandux jigi penalizzat fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju b'riserva espressa ghall-attur ghad-drittijiet tieghu a tenur tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta u, fuq il-mertu, fuq ammissjoni tal-konvenut Faisal Awad qed jiddikjarah unikament responsabbli ghall-kollizjoni u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma likwidata ta' hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin (Lm544) bl-interessi mit-18 t'Awissu, 2003 (data tal-prezentata tar-Risposta) u bl-ispejjez kontra tieghu. L-ispejjez tal-kawza

jkunu a karigu tal-konvenut hlief dawk tas-socjeta' konvenuta li jkunu a karigu taghha stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------